DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-8 ta' Frar 2016

dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal- Protokoll mal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

(2016/C 52/06)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li Jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 101(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni mill-Kummissjoni, f'isem il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, tal-Protokoll mal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ("il-Protokoll"),

Billi:

(1) Il-konklużjoni tal-Protokoll hija soġġetta għal proċeduri separati fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu taħt it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea minn naħa u fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika min-naħa l-oħra.

(2) Fl-20 ta' Lulju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2015/1292 [1] dwar il-konklużjoni tal-Protokoll f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha skont l-Artikolu 218(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-Kroazja.

(3) Fl-14 ta' April 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/518/Euratom [2] li tapprova l-konklużjoni tal-Protokoll mill-Kummissjoni f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

(4) Għaldaqstant il-Protokoll għandu jiġi konkluż ukoll f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fejn jidħlu kwistjonijiet li jaqgħu taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ("il-Protokoll") [3] hija b'hekk approvata.

Artikolu 2

Il-President tal-Kummissjoni huwa b'hekk awtorizzat li jwettaq il-passi kollha meħtieġa f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, sabiex jesprimi l-kunsens tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li tkun marbuta bil-Protokoll, b'mod partikolari li tiddepożita n-notifikazzjoni hekk kif prevista fl-Artikolu 13 tal-Protokoll.

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1292 tal-20 ta' Lulju 2015 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha tal-Protokoll tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 199, 29.7.2015, p. 1).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/518/Euratom tal-14 ta' April 2014 dwar l-approvazzjoni tal-konklużjoni mill-Kummissjoni Ewropea, f'isem il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, tal-Protokoll tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 233, 6.8.2014, p. 20).

[3] ĠU L 233, 6.8.2014, p. 3.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Frar 2016.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER